MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2016.

Talba Numru: 273/2015AM3

Numru fuq il-Lista: 7

**Alberta Fire & Security Equipment Limited**
**San Gwakkin Road**
**Mriehel BKR 14**

**Giuseppe's Group Limited (C-54459)**
**Mediterranean Court, Flat 6,**
**Triq l-Ahdar,**
**Marsascala MSK 3650**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fl-14 t' April, 2015 illi permezz tiegħu s-Soċjeta' attriċi talbet mingħand is-Socjeta` konvenuta l-hlas tas-somma ta' tmien mija tnejn u sebghin ewro u tmien centezmu (€872.08c) rapprezentanti bejgh tal-'equipment' u servizzi ancillari fuq l-ordni tal-istess Socjeta` konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm s-Socjeta` l-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hadd ma deher mis-Socjeta`

konvenuta u lanqas hija ma kkontestat il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li s-Socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-Socjeta` konvenuta thallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u tnejn u sebghin ewro u tmien centezmi (€872.08c) bl-imgħax legali sal-effettiv pagament.

L-ispejjeż huma a karigu tas-Socjeta` konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**